**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TNEJN U GĦOXRIN**

**22 ta' MARZU, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, il-Viċi Chairperson Maria Schebmri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia presieda l-laqgħa.

**22.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

22.1.1 Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u għoxrin seduta ta' din il-leġislatura u l-minuti tal-laqgħa annwali.

***22.2*** ***Suġġerimenti u ilmenti***

22.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li l-Kumitat Amministrattiv irċieva mingħand is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM, fir-rigward tax-xelter f'Misraħ Santa Marija, f' Bubaqra. Is-Soċjeta' staqsiet x'passi ser jieħu l-Kumitat Amministrattiv fuq ix-xelter.

Kien hemm qbil unanimu li ġaladarba x-xelter hu devolut lis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, l-passi meħtieġa għandha toħodhom l-istess soċjeta'. Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra kkorrisponda mal-entitajiet tal-Gvern fejn kien hemm il-bżonn, imma mill-bqija ma jistax jagħti għajnuna finanzjarja fi proġetti li m'humiex tal-Kumitat.

22.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta li għamel resident li joqgħod fi Triq ir-Rettur, biex issir bankina fi Triq ir-Rettur k/m Triq Santa Marija u titneħħa is-central strip li hemm fi Triq ir-Rettur biex il-vetturi ma jibqgħux ikunu ta' periklu għal min juża l-bankina.

Wara diskussjoni ma kienx hemm qbil fuq il-proposti mtella minħabba li l-akwata ġiet imfassla minn perit u approvata minn Transport Malta.

Ġie nnutat ukoll li persuna li għandha garaxx fi Triq Santa Marija qed joħroġ jaħdem 'il barra mill-bankina, bil-konsegwenza li jista jkun ta' periklu għas-sewwieqa u anke għar-residenti li jagħddu minn fuq il-bankina, minħabba li qed jagħmel xogħol ta' welding. Kien hemm qbil li l-każ jiġi rrappurtat l-għassa.

22.2.3 Ġie nnutat li minn mindu beda x-xogħol mill-kumpanija Callus Landscaping, (minn Frar), iż-żona ta' Bubaqra ġiet minsija. Ix-xogħol li jrid isir hu : fi Triq San Martin, ġnien fi Triq in-Nigret, traffic islands fi Vjal l-Indipendenza, is-Siġar fi Triq l-Arċipriet E Mifsud hemm bżonn li titnaqqsilhom il-ħamrija u jissaqqew, u l-pjanti ta' Misraħ Santa Marija.

22.2.4 Ġie nnutat li t-tindif li sar fi Triq ir-Rettur u Triq Santa Marija kien tajjeb ħafna imma ġie nnutat li hemm bżonn isir tindif madwar Triq il-Qiegħa.

22.2.5 Ġie nnutat li għalkemm il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra naddaf side road fi Triq Sant Agata, fi żmien ġimgħa reġgħa beda jintefa skart tal-bini. Kien hemm qbil li jsir rapport l-għassa.

22.2.6 Il-membru Joseph D'Amato qal li iltaqa' mal-Perit Edric Micallef li qed jaħdem fuq Triq Fra Gan Marie Zammit u infurmaħ li t-triq ser issir kollha, inkluż il-burdura tat-traffic island u l-konkos madwara biex isir parkeġġ. Hu informa li ġjanti ta' kif ġejja m'għandux. Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Perit Micallef biex jagħti aktar dettalji fuq il-qisien tat-traffic island, ħalli l-Kumitat Amministrattiv ikun jista jippjana aħjar ix-xogħol li jrid isir fiha. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm spazju biżżejjed, isiru bankijiet, ħamrija u playing equipement wieħed.

22.2.7 Il-membru Joseph D'Amato ppropona li l-Kumitat Amministrattiv jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lid-Dipartiment tal-Artijiet, fejn jiġu nfurmati li ġaladarba l-art fi Triq Fra Gan Marie Zammiet, li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra kien talab devoluzzjoni biex isir proġett fiha u din ser issir minn Transport Malta, l-Kumitat Amministrattiv qed jirrilaxxa l-art u mhux ser jibqa jħallas l-ammont ta' €50 fis-sena għaliha.

22.2.8 Ġie nnutat li l-kanal li kien tħalla għal ħafna ġimgħat mikxuf, fi Triq Sant Agata, reġgħa niżel u qed ikun ta' inkonvenjenza għas-

sewwieqa. Kien hemm qbil li jsir rapport lill-Transport Malta.

***22.3 Tieġ Tradizzjonali Malti***

22.3.1 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li ser jagħti fondi għall-attivita ta' Tieġ Tradizzjonali Malti li kienet ser issir fit-30 ta' April, 2016. Minħabba li s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM, kienet ser tieħu sehem f'attivita' oħra tan-nar, fl-istess ġurnata, talbu li tinbidel id-data proposta u ssir fil-21 ta' Mejju, 2016.

Is-Segretarju Eżekuttiv agħmlet it-talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn ġiet milqugħa d-data tal-21 ta' Mejju, 2016.

S'issa l-Kumitat Amministrattiv għadu ma rċeviex mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-attivita' l-oħra proposta għal Mejju, ġiet milqugħa.

***22.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

20.6.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:35 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 19 ta' April, 2016 fil-19:00.

Konfermati, illum ___ ta' April, 2016

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**